MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 189/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Joanne Ellul**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet dedotti mill-Pulizija Eżekuttiva kontra *omissis* u Joanne Ellul, detentriċi tal-karta tal-Identita` bin-numru 149278M, talli f'dawn il-Gżejjer matul ix-xahar ta' Mejju 2011 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjon waħda:

(1) ġewwa Raħal Ġdid f'xi żmien matul ix-xahar ta' Mejju 2011 u fix-xhur ta' qabel, ikkommettew serq ta'

diversi ornamenti minn 'il fuq minn mitt qabar li jinsabu ġewwa ċ-ċimiterju ta' l-Addolorata, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jeċċedi €2,329.37, u dan għad-dannu ta' diversi persuni;

(2) fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u cioe` ħsara f'diversi oqbra u affarijiet oħra ġewwa ċ-ċimiterju ta' l-Addolorata, liema ħsara teċċedi €116.47 u dan sar għad-dannu ta' diversi persuni;

(3) fl-istess perijodu, lok u ċirkostanzi msemmija daħlu fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata mingħajr il-permess tal-persuna jew persuni nkarigati minn dawn iċ-ċimiterji;

(4) kisret il-provvediment ta' sentenza ta' tliet xhur priġunerija sospiżi għal sentejn mogħtija lilha fl-10 ta' Diċembru 2010 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dott. Joseph Apap Bologna LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

(5) kisret il-provvediment ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija lilha fit-28 ta' Settembru 2010 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dott. Antonio Micallef Trigona LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

(6) irrendiet ruħha reċidiva ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenzi mogħtija lilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' Marzu 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti, fuq l-ammissjoni ta' l-imsemmija Joanne Ellul, wara li rat 1-artikoli 17(b), 28A u 28B, 49, 50, 289, 162, 163, 278(1)(2) u 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess Joanne Ellul ħatja ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, u kkundannatha erba' snin u xahrejn priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Joanne Ellul ippreżentat fit-12 ta’ April 2012 li permezz tiegħu talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt illi tikkonfermaha fil-parti fejn sabitha ħatja ta’ l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha, tvarja l-piena billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għall-fattispecie tal-każ;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Dan huwa appell mill-piena fejn l-appellanti tilmenta li l-piena nflitta fuqha hija eċċessiva. Issa, fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista’ tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta’ appell ma jidħlux f’eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat.

**6.** Fil-każ odjern it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni. Il-piena għall-ewwel imputazzjoni hi ta’ prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba’ snin miżjuda bi grad għal priġunerija minn tmintax-il xahar sa tnax-il sena. Din il-piena tista’ tiżdied bi grad jew tnejn stante l-applikabilita` ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta (reat kontinwat). Mal-piena jridu jiżdiedu l-piena ta’ tliet xhur priġunerija li kienu ġew sospiżi b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali ta’ l-10 ta’ Diċembru 2010 u li ġew reżi effettivi bis-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti.

**7.** Irid ukoll jiżdied minn terz sa nofs il-piena dwar ir-reat li tiegħu nstabet ħatja bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati

(Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Settembru 2010 u li dwaru kienet ingħatat *conditional discharge*. Permezz ta' dik is-sentenza l-appellanti kienet instabet ħatja li f'dati u ħinijiet differenti f'post pubbliku fil-Marsa tlajjat jew għamlet sabiex tħajjar għal skopijiet immorali jew skopijiet ta' prostituzzjoni. Il-piena għal dan ir-reat huwa ta' priġunerija sa mhux aktar minn sitt xhur. Jiġifieri fuq dan ir-reat, u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellanti setgħet tiġi kkundannata sa massimu ta' tliet xhur priġunerija.

**8.** L-appellanti ġiet addebitata bir-reċidiva wkoll, inkluż reċidiva skond l-artikolu 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn eżami tal-fedina penali tagħha, pero`, ma jirriżultawx kundanni preċedenti għal reati taħt is-Sub-Titolu I tat-Titolu IX tat-Tieni Taqsima ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, salv għal każ uniku ta' tentattiv ta' serq ta' vettura li dwaru kienet tqiegħdet taħt *probation*. Għalhekk l-artikolu 289 mhux applikabbli. Minħabba numru ta' kundanni oħra fejn ġiet ikkundannata multi jew sentenzi sospiżi ta' priġunerija, l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta huma applikabbli u għalhekk il-Qorti għandha d-diskrezzjoni li terġa' żżid il-piena bi grad.

**9.** Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha m'hemmx dubju b'hekk illi l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti taqa' sew fil-parametri tal-liġi.

**10.** Issa, l-appellanti ssostni illi bil-piena ta' priġunerija li ġiet imposta fuqha l-aspett riformattiv ma tteħidx in konsiderazzjoni. Tgħid li għandha problema akuta ta' droga u n-nuqqas ta' rakkomandazzjoni mill-Ewwel Qorti sabiex tingħata l-opportunita` ssegwi programm ta' rijabilitazzjoni huwa kontro-produttiv. Tirreferi għal xi każijiet fejn persuni ngħataw ċans ieħor anke permezz ta' ordni ta' *probation*.

**11.** Li l-appellanti ngħatat numru ta' opportunitajiet mill-Qrati biex tbiddel triqitha m'hemmx dubju. Mill-fedina penali tagħha jirriżulta, almenu *prima facie*, li ngħatat *conditional discharge* disa' darbiet, tqiegħdet taħt *probation* darbtejn, u ngħatat sentenzi sospizi ta'

priġunerija disa' darbiet. Oltre dan ġiet imċanfra, ikkundannata għall-ħlas ta' multi, kif ukoll għal ħames darbiet ikkundannata sentenzi ta' priġunerija effettivi.

**12.** Quddiem l-Ewwel Qorti thejja *pre-sentencing investigation report* mnejn jirriżulta li l-appellanti bdiet tagħmilha ma' ġuvintur u kumpanija ħażina mill-eta` ta' sittax-il sena u dawn introduċewha għad-droga. Nonostante l-opportunitajiet li ngħatat, baqgħet tabbuża mid-droga, tesponi ruħha għall-prostituzzjoni u kriminalita`, u minħabba n-nuqqas ta' kura u attenzjoni lil uliedha, dawn tqiegħdu taħt ordni ta' ħarsien. Skond l-imsemmi rapport, jidher li l-appellanti "ftit li xejn qed turi motivazzjoni li toħroġ minn dan iċ-ċirku li sabet ruħha fih. Hi għad trid taħdem aktar biex tkun tista' tgħix ħajja ta' stabbilta` fil-komunita` mingħajr ma tagħmel ħsara lilha nfisha u, agħar, lil uliedha." Fil-fatt ir-rapport jirrakkomanda piena karċerarja bħala l-aktar piena idoneja fiċ-ċirkostanzi.

**13.** Hija ċertament ħasra li l-appellanti sabet ruħha f'dan iċ-ċirku vizzjuż ta' droga, prostituzzjoni u kriminalita`. Sfortunatament, nonostante diversi opportunitajiet biex tirranġa ħajjitha, hija baqgħet tippersisti fil-ħajja li kienet qabdet. M'hemmx dubju illi għandha bżonn direzzjoni, għandha bżonn għajnuna biex tirriforma ruħha, biex tirrijabilita ruħha mill-problema tad-droga u titgħallem tgħix ħajja ta' bżulija 'l bogħod mill-kriminalita`. Fl-istess ħin għandha bżonn titgħallem darba għal dejjem illi ma tistax tikser il-liġi b'impunita`.

**14.** Għaldaqstant, filwaqt illi ma ssib l-ebda raġuni biex tvarja s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti, fid-dawl ta' dak hawn espost, **id-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin għandu jipprovdi lill-appellanti dik l-għajnuna psikoloġika kollha li jista' jkollha bżonn kif ukoll jipprovdilha l-għajnuna kollha meħtieġa biex jassigura li tagħmel programm ta' rijabilitazzjoni kontra l-abbuż tad-droga**.

**15.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tattira l-attenzjoni tad-

Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta’ Kordin għall-ħtiġiet impellenti ta’ l-appellanti kif indikat fil-paragrafu preċedenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------